**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 05/24**

| | |
|---|---|
| **Data:** | Il-Ħamis, 23 ta' Mejju 2024 |
| **Ħin:** | 5:39pm |
| **Post:** | Microsoft Teams - online |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku (Skużata)<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Skużat)<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Assenti)<br>Roderick Caruana - Kunsillier<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **05.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **05.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **05.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **05.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **05.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **05.06** | ***Quarterly Financial Statements;*** |
| **05.07** | **Xogħlijiet;** |
| **05.08** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **05.09** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **05.10** | **Mozzjonijiet; u** |
| **05.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**05. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Viċi-Sindku, Camilleri u Baldacchino ser ikunu skużati għall din il-laqgħa minħabba xogħol u affarijiet personali. | |

**05. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Fenech | Il-Minuti 04/24 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| | 04.04.01 | Fenech | Triq tinkiteb li ser jiftħu l-applikazzjonijiet għall-kandidati tal-Kunsilli Lokali bejn il-25 u d-29 ta' Mejju 2024. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**05. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 05. 2 5 | 04.02.07 | Chircop: Restawr tal-pedestalli u statwi taz-zuntier | Chircop qal li r-restawr fuq l-istatwi taz-zuntier miexi u qed jasal fit-tmim tiegħu. Ser ikun qed isir ukoll ir-restawr tal-ħadid. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 2 | 6 | 04.05.02 | Chircop: Tifkira tal-Gwerra | Chircop qal li din saret fil-5 ta' Mejju fejn tpoġġiet il-kuruna tar-rand fuq il-monument tal-gwerra. | Chircop |
| 05. | 2 | 7 | 04.05.08 | Chircop: Story telling | Chircop qal li kien parti mill-ġurija bħala Kunsill Lokali. Kienet imtellgħa mill-Iskola bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija tal-Illitteriżmu u kienet attivita' tajba ta' ġurnata. | Chircop |
| 05. | 2 | 8 | 04.02.10 | Camilleri: Librerija | Is-Sindku qalet li kellimna l-persuna li ser jinstalla l-*airconditioner* u talabna sabiex jitlestew il-*points* min fejn ikun jista' jieħu d-dawl. Ser inkunu qed nitkellmu mal-kuntrattur biex dan ix-xogħol ikun lest. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 9 | 04.02.04 | Viċi-Sindku: Multa mill-ERA | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kinx hemm żvilupp dwar dan. Is-Sindku qalet li s'issa għadna bla risposta dwar dan mill-ERA. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 2 | 10 | 04.03.01 | Sindku: *School Grannies* | Is-Sindku qalet li kien hemm rispons tajjeb u saru l-intervisti. Ġew magħżula tnejn imma għad iridu jikkonfermawlna. | Sindku |
| 05. | 2 | 11 | 04.03.03 | Sindku: Triq Anġlu Grima | Is-Sindku qalet li fuq din ninsabu mwaħħlin ma' TM għaliex intalbet pjanta mill-perit. | Sindku |
| 05. | 2 | 12 | 04.03.04 | Chircop: Tabelli bla permess fit-toroq | Chircop qal li l-Pulizija tal-Kommunita' għandhom jintervjenu sabiex jitneħħew tabelli li qed jitwaħħlu fit-toroq. | Chircop |

**05 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML05/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li għada ser isir il-Kunċert tal-Iskola tal-Year 3 fi Ġnien l-Għannejja Żwieten. Ser jintuża l-Gym sabiex jitpoġġew l-affarijiet u sar fuljett mill-Kunsill li ser jitqassam lil dawk preżenti. Ser tibda fil-5pm b'quddiesa fil-Knisja ta' San Girgor. | Sindku |
| 05 | 3 | 2 | | Sindku: Proġett Misraħ Ħal Tmin | Is-Sindku qalet li dan qiegħed fi stat avvanzat , il-ġiebja kważi lesta. Ser isir iċ-ċentru u l-pavimentar u ser isir tħawwil ta' siġar minn Project Green. Ser tiġi nstallata l-pompa għall-irrigazzjoni li ser tingħata minn Project Green ukoll. Qed nistennew id-data minn naħa tal-OPM dwar l-inawgurazzjoni. | Sindku |
| 05 | 3 | 3 | | Sindku: Xogħol fi Ġnien iż-Żgħożija | Is-Sindku qalet li saru l-ħadid ta' lqugħ maġenb l-store biex jiġi evitat kull periklu. | Sindku |
| 05 | 3 | 4 | | Sindku: Toilets tal-kunsill | Is-Sindku qalet li l-problema fid-drenaġġ tal-kunsill issa hija solvuta u lura għan normal. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05 | 3 | 5 | | Sindku: Bankina | Is-Sindku qalet li l-bankina fi Triq Lorenzo Gafa issa hija lesta. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 3 | 6 | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku qalet li kif jitlesta Ħal Tmin ser jibda immedjatament ix-xogħol fuq dan il-ġnien mill-kuntrattur.<br>Ġie mistoqsi dwar Misraħ Santa Marija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-survey mill-perit sar diġa. Il-Kuntrattur inqabad bix-xogħol. Il-Kunsill li jmiss irid jiddeċidi jekk għandux jinħareġ tender għal dan ix-xogħol biss jew nerġgħu inkellmu l-kuntrattur jekk iridx imexxi bil-proġett. Il-pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten għadu pendenti mal-PA. Rigward il-jogging track f'Ġebel San Martin l-ERA oġġezzjonat għax qed tgħid biex tagħtii l-fondi jrid isir ħajt tas-sejjiegħ t-tul kollu.. | Segretarju Eżekuttiv |

**05. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 4 | 1 | | Chircop: Fondi | Chircop qal li l-fondi tal-Arpa għar-restawr ta' Gnien tal-Kmand daqt jiskadi ż-żmien sa meta jistgħu jintefqu. Intlabet diġa estensjoni għal dan u ġiet approvata mill-Gal Xlokk. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 4 | 2 | | Chircop: Sleeping police | Chircop qal li għandha titneħħa l-*sleeping police* ta' Triq San Piju X. | Sindku |
| 05. | 4 | 3 | | Chircop: Restawr tal-Kapella ta' Santa Marija | Chircop qal li din intgħażlet sabiex issir ir-restawr minn ġewwa. | Chircop |
| 05. | 4 | 4 | | Chircop: Kotba | Chircop qal li dalwaqt jinħareġ il-ktieb bl-isem Art of Żejtun b'fondi minn Gal Xlokk. | Chircop |
| 05. | 4 | 5 | | Sindku: Fuljett | Is-Sindku qalet li l-fuljett kważi lest u ġibna *sponsors* minn MBR, Projekte u Ronald Bezzina. | |

**05. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | | Ma kinx hemm iktar xogħol x'jiġi diskuss. | |

**05. 6.** **Quarterly Financial Statements;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05. | 6. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-*Financial Statement*s għall ewwel kwart tas-sena fejn spjega li għal darb'oħra kellna surplus. | |

**05. 7.** ***Xogħlijiet;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 05 | 7 | 1 | | | Ma kinx hemm iktar xogħlijiet x'jissemmew. | |

**05. 8.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 8. | 1 | | Fenech: Bike ride | Fenech qalet li l-iskejjel ser jorganizzaw *bike ride*. Ser ituna daqqa t'id il-pulizija tal-kommunita' u ser ikun hemm ukoll Steve Zammit Lupi u Noel Seguna. Min naħa tal-Lesa għadna bla risposta. | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 8. | 2 | | Chircop: Tqassim ta' kotba | Chircop qal li ser jitqassmu l-kotba fl-iskejjel primarji. | |

| **05.** | **9.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 9. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 9. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 05/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 05. | 9. | 3 | | *Petty Cash* - April 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €228.47 | Segretarju Eżekuttiv |

| **05** | **10** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 05. | 10 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa. | |

| **05** | **11** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6:41pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |